MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 915/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**MICHAEL ZAHRA**
**OMISSIS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Michael Zahra, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 440071 (M) u l-imsemmi Jason Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 161574 (M).

**Akkuzati talli:**

1. Gewwa l-Belt Valletta, nhar it-18 ta` Settembru, 2010, ghal habta tat-tmienja nieqsin kwart ta` filghodu (07:45hrs), flimkien ma` persuni ohra, bil-hseib li jaghmlu delitt u cioe` serq minn gewwa l-hanut **Frank Zampa Jewellery** sitwat fi Triq Santa Lucija, Valletta, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-vjolenza fuq il-persuna ta` Francesco Zampa, anzjan ta` disgha u sebghin (79) sena;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi ta` l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil xi persuna, u cioe` lil Francesco Zampa minn Valletta kontra l-volonta` tieghu, jew taw l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta` Francesco Zampa f'periklu car, ikkagunaw offizi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` l-istess Francesco Zampa minn Valletta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara taqbez mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda mhux elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) li saret ghad-deteriment ta` Francesco Zampa;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta` dawk l-oggetti filwaqt li kienu qed jaghmlu reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza

involontarja fuq il-persuna), jew ta` serq jew hsara fil-propjeta` (minbarra hsara involontarja fil-propjeta`);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-Belt Valletta u f'diversi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond, xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-iskeda II tal-Kapitolu 480 minghajr ma kellhom licenzja taht l-istess Att;

7. Lil Michael Zahra wahdu akkuzat talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

8. Lil Jason Galea wahdu akkuzat talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'sentenza tal-Qrati ta` Malta liema sentenza saret efinittiva u ma tistax tinbidel.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li, fil-konfront ta` Michael Zahra, rat l-Artikoli 41 (1) (b), 261 (a) (b) (2), 263 (b), 267, 274 (c), 276 (a), 277 (b), 278, 279 (b) u 280 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 86, 87 (1) (c) € u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 221 (1) (2) u 222 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 55 (a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 5 (1) u 51 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta`Malta;

Wara li, fil-konfront ta` Jason Galea, rat l-Artikoli 42 (d) (e), 41 (1) (b) (c), 262 (1) (a) (b) (2), 263 (b), 267, 274 (c),

276 A, 277 (b), 278, 279 (b) u 280 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 42 (d) (e), 86, 87 (1) (c) (e) u 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 42 (d) (e), 221 (1) (2) u 222 A (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 42 (d) (e), 325 (1) (b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 42 (d) (e), 55 (a), 56, 57, 60 u 61 tal-kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 42 (d) (e), 5 (1) u 51 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-piena fil-konfront tal-imputat Michael Zahra, fuq ammissjoni din il-Qorti ma ssib l-ebda alternattiva ohra hlief li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah ghal-perjodu ta` prigunerija effettiva ta` tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------